MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Numru. 530/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**
**Valentino Cassar bin Anthony u Giuzeppa nee' Portelli,**
**imwieled fil-21 ta' Marzu, 1967 u residenti Justin Court,**
**Flat 5, Triq il-Port, Marsalforn, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 6967(G),**
**c/o Guard & Warden Hse, Pjazza l-Assedju ta' Ghawdex,**
**Rabat, Ghawdex**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Valentino Cassar li gie akkuzat talli nhar il-31.05.2007 ghal habta ta' 21:00hrs f'Ulysses Gardens, Xlendi, Ghawdex;

1) Volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Camilleri I.D. 9877(G) hekk kif iccertifika Dr. Coronato Grech MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;
2) Aktar talli gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Joseph Camilleri u lil martu Roberta Cassar b'tali mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghalihom;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Irrizulta illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat hebb ghal Joseph Camilleri u tefaghlu xi spray f'wiccu biex b'hekk ikkagunalu l-griehi indikati mit-Tabib Coronato Grech fid-Dokument 'A'. Madanakollu t-tieni (2) akkuza ma tirrizultax ippruvata billi l-imputat ma kienx ma kienx qed jaghti fastidju lil Joseph Camilleri u lil martu Roberta Cassar billi huwa kien fuq il-bejt ta' residenza ohra jigbed xi ritratti u fl-ebda mument ma avvicinah u kien biss meta Joseph Camilleri tela' hdejh illi huwa aggredieh;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li ssibu hati ta' l-ewwel (1) akkuza u tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100), ma ssibux hati tat-tieni (2) akkuza u tilliberah minnha;

Il-Qorti inoltre torbot lill-hati ai termini tal-Artikolu 383 b'garanzija personali ta' hames mitt ewro (€500) fil-konfront ta' Joseph Camilleri u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------